

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/184**tat-22 ta' Novembru 2021****li jemenda l-Anness IV tad-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni interna u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 91/672/KEE u 96/50/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2017/2397, meta l-atti delegati adottati skont id-Direttiva jirreferu għal standards, il-Kummissjoni għandha tagħmel jew taġġorna r-referenza rilevanti u ddaħħal id-data tal-applikazzjoni fl-Anness IV.
- (2) Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/12 tat-2 ta' Awwissu 2019 li tissupplimenta d-Direttiva (UE) 2017/2397 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards għall-kompetenzi u għall-għarfien u l-ħiliet korrispondenti, għall-eżamijiet prattiċi, għall-approvazzjoni tas-simulaturi u għall-istat mediku ⁽²⁾ tirreferi għall-istandards tal-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' standards fin-navigazzjoni interna (CESNI).
- (3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IV tad-Direttiva (UE) 2017/2397 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tad-Direttiva (UE) 2017/2397 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

⁽¹⁾ ĠUL 345, 27.12.2017, p. 53.

⁽²⁾ ĠUL 6, 10.1.2020, p. 15.

ANNEX

“ANNEX IV

REKWIŻITI APPLIKABBLI

Tabella A

Suġġett, Artikolu	Rekwiżiti ta' konformità	Bidu tal-applikazzjoni
Eżamijiet prattiċi, Artikolu 17(4)	ES-QIN 2018, speċifikament bir-Riżoluzzjonijiet 2018-II-9, 2018-II-10, 2018-II-11, 2018-II-12, 2018-II-13 tas-CESNI	18/01/2022
Approvazzjoni tas-simulaturi, Artikolu 21(2)	ES-QIN 2018, speċifikament bir-Riżoluzzjonijiet 2018-II-14 u 2018-II-15 tas-CESNI	18/01/2022
Karatteristiċi u kundizzjonijiet tal-użu tar-reġistri, Artikolu 25(2)		

Tabella B

Entrata	Rekwiżiti essenzjali ta' kompetenza	Rekwiżiti ta' konformità	Bidu tal-applikazzjoni
1	Rekwiżiti essenzjali ta' kompetenza fil-livell operazzjonali	ES-QIN 2018, speċifikament bir-Riżoluzzjoni 2018-II-3 tas-CESNI	18/01/2022
2	Rekwiżiti essenzjali ta' kompetenza fil-livell manġerjali	ES-QIN 2018, speċifikament bir-Riżoluzzjoni 2018-II-4 tas-CESNI	18/01/2022
3	Rekwiżiti ta' kompetenza essenzjali għal awtorizzazzjonijiet speċifiċi		
3.1	Tbaħħir fuq passaġġi fuq l-ilma interni b'karattru marittimu	ES-QIN 2018, speċifikament bir-Riżoluzzjoni 2018-II-6 tas-CESNI	18/01/2022
3.2	Navigazzjoni bir-radar	ES-QIN 2018, speċifikament bir-Riżoluzzjoni 2018-II-7 tas-CESNI	18/01/2022
4	Rekwiżiti ta' kompetenza essenzjali għal operazzjonijiet speċifiċi		
4.1	Espert fin-navigazzjoni tal-passiġġieri	ES-QIN 2018, speċifikament bir-Riżoluzzjoni 2018-II-5 tas-CESNI	18/01/2022
4.2	Espert tal-gass naturali likwifikat (LNG)	ES-QIN 2018, speċifikament bir-Riżoluzzjoni 2018-II-8 tas-CESNI	18/01/2022

Tabella C

Rekwiżiti essenzjali dwar l-istat mediku	Rekwiżiti ta' konformità	Bidu tal-applikazzjoni
Eżami tal-istat mediku	ES-QIN 2018, speċifikament bir-Riżoluzzjoni 2018-II-2 tas-CESNI	18/01/2022.”